# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2007/2093(INI)**

19.7.2007

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Lejn strateġija ta' l-UE dwar id-drittijiet tat-tfal
(2007/2093(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Irena Belohorská

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Jisħaq dwar il-ħtieġa li tingħata prominenza akbar lill-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fid-djalogi politiċi ta' l-UE, fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-konsultazzjoniet ma' pajjiżi terzi, u fl-azzjonijiet ta' l-UE u ta' l-Istati Membri fi ħdan il-qafas tad-drittijiet tal-bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tintegra d-drittijiet tat-tfal meta tabozza azzjonijiet tal-KE leġizlattivi u dawk mhux leġiżlattivi kemm fil-politiki interni kif ukoll f'dawk esterni ta' l-UE u, b'mod partikulari, sabiex tippromwovi proġetti esterni u azzjonijiet li jikkumbattu t-traffikar tat-tfal u l-vjolenza u l-abbuż sesswali fuq it-tfal, sabiex telimina t-tħaddim tat-tfal u l-użu ta' tfal f'konflitti armati, u għal azzjonijiet li jikkumbattu l-faqar fost it-tfal u biex tippromwovi aċċess universali għal edukazzjoni u servizzi bażiċi tas-saħħa;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Ġermanja għal linjigwida ġodda ta' l-UE dwar il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal; jenfasizza l-importanza ta' koordinament fil-linjigwida li l-Kunsill se joħroġ fil-ġejjieni u fl-Istrateġija proposta mill-Kummissjoni, u jinkuraġġixxi liż-żewġ istituzzjonijiet sabiex jadottaw approċċ kumplimentari fil-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal;

***Reġistrazzjoni tat-twelid***

4. Jirrikonoxxi d-dritt ta' kull tifel u tifla li jiġu rreġistrati mat-twelid tagħhom bħala rikonoxximent legali ta' l-eżistenza tagħhom u d-dritt tagħhom li jkollhom nazzjonalità u identità, irrispettivament mis-sess jew l-oriġini etnika tagħhom, jew tan-nazzjonalità tal-ġenituri tagħhom, jew l-istatus tagħom ta' refuġjati, ta' immigranti jew ta' persuni li qed ifittxu ażil;

5. Jirrikonoxxi li ċ-ċertifikati tat-twelid jgħinu biex jipproteġu t-tfal kontra ksur tad-drittijiet li joriġina minn dubji dwar l-età tiegħu/tagħha jew dwar l-identità tagħhom; iqis li sistemi ta' reġistrazzjoni tat-twelid effiċjenti jfixklu t-traffikar tat-tfal u l-organi tagħhom, jikkontollaw l-adozzjoni illegali u jevitaw li l-età tat-tfal tkun meqjusa bħala ogħla milli fil-fatt tkun għall-iskopijiet ta' żwieġ minn kmieni, reklutaġġ militari taħt l-età, sfruttament sesswali, tħaddim tat-tfal[1] u t-trattament ġudizzjarju ta' minuri bħala adulti;

6. Jenfasizza l-fatt li l-"inviżibilità" ta' tfal mhux reġistrati żżid il-vulnerabilità tagħhom u l-possibilità li l-ksur tad-drittijiet tagħhom jgħaddi mingħajr ma jkun innutat;

7. Jiddeplora l-fatt li f'xi pajjiżi teżisti diskriminazzjoni tas-sess meta jkun reġistrat it-twelid, b'liġijiet u bi prattiċi li joperaw b'mod kuntrarju għall-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, u li jinkludu r-rifjut ta' reġistrazzjoni ta' ommijiet waħedhom, ir-rifjut li jiktbu n-nazzjonalità ta' l-omm u diskriminazzjoni fir-

[1] definit fl-Artikolu 32 (1) tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tat-tfal

reġistrazzjoni ta' bniet mingħajr tagħlim edukattiv meta l-aċċess għar-reġistrazzjoni jkun ibbażat fuq is-sistema edukattiva;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-organizzazzjonijiet għad-drittijiet tat-tfal, kif ukoll organizzazzjonijiet għal għajnuna umanitarja, biex jingħaqdu flimkien biex iżidu l-għarfien dwar il-bżonn tar-reġistrazzjoni tat-twelid f'pajjiżi terzi; jinnota li n-nuqqas ta' ċertifikat tat-twelid jista' jostakola lit-tfal milli jiksbu rikonoxximent ta' drittijiet possibbli ta' wirt u milli jakkwistaw aċċess għall- edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-assistenza materjali mill-istat; jitlob li jkunu promossi miżuri li jiżguraw li dawn is-servizzi jkunu pprovduti b'mod universali sakemm titlesta ir-reġistrazzjoni uffiċjali;

9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ lill-istati biex jistabbilixxu sistemi ta' reġistrazzjoni permanenti li joperaw mil-livell nazzjonali għal dak tal-villaġġ, disponibbli mingħajr ħlas għall-popolazzjoni sħiħa anke dawk in-nies li jgħixu f'inħawi remoti, permezz tal-provvediment jew, inter alia unitajiet mobbli ta' reġistrazzjoni fejn hu xieraq, taħriġ adegwat għar-reġistraturi ċivili u l-allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti biex jiffinanzjaw dawn l-inizjattivi;

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq riċerka u tiġbor data speċifika dwar is-sess u l-età sabiex tippermetti li jsir immonitorjar;

11. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-Komunità u lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw il-koordinazzjoni effettiva ta' politiki li jinkoraġġixxu r-reġistrazzjoni tat-twelid, b'mod partikulari bil-parteċipazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji dipendenti, bil-għan li jkun hemm ftehima dwar aġenda komuni li trawwem reazzjoni effettiva mad-dinja kollha;

***Tfal f'konflitti armati***

12. Jisħaq dwar il-bżonn kruċjali li jiġu implimentati Linjigwida ta' l-UE dwar Tfal f'Konflitti Armati;

13. Jistieden lill-Istati kollha li għadhom m'għamlux dan biex jirratifikaw bħala fatt ta' urġenza l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokolli Fakultattivi tagħha;

14. Iħeġġeġ lill-*istituzzjonijiet Komunitarji u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' miżuri* biex jevitaw il-parteċipazzjoni ta' tfal f'konflitti armati, u jistieden lill-organizzazzjonijiet għad-drittijiet tat-tfal u l-għajnuna umanintarja biex iniedu kampanja ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal u jgħinuhom jirritornaw għall-edukazzjoni jew li jibqgħu fiha; *jinnota li l-kawżi ewlenin tar-reklutaġġ ta' tfal fi gruppi armati, kemm jekk sfurzati kemm jekk le, jinsabu b'mod prinċipali fin-nuqqas ta' mod alternattiv ta' sopravivenza, u għalhekk iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu miżuri biex itejbu l-kundizzjonijiet ta' għajxien tal-popolazzjoni ta' tfal;*

15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jadottaw l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali fil-liġijiet nazzjonali tagħhom u biex jinvestigaw, jieħdu l-passi kontra u jikkastigaw lil dawk kollha li daħħlu lit-tfal kontra l-liġi fil-forzi jew gruppi armati, jew użawhom biex jipparteċipaw b'mod attiv f'sitwazzjonijiet ta' konflitt, biex jiżguraw li jkun twettaq kull sforz biex itemmu l-kultura ta' impunità fir-rigward ta' dawn il-krimini;

16. Jilqa' l-adozzjoni ta' "L-Impenji ta' Pariġi biex jipproteġu t-tfal mir-reklutaġġ jew użu illegali minn forzi armati jew gruppi armati" ta' l-2006 bħala aġġornament tal-Prinċipji ta' Cape Town ta' l-1997, u jħeġġeġ lill-istati kollha biex jadottawhom;

17. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq kontrolli aktar stretti fuq il-kummerċ ta' l-armi, b'mod speċjali fir-rigward ta' armi ta' kalibru żgħir li jistgħu jintużaw mit-tfal;

18. Jitlob għat-tneħħija immedjata tat-tfal mill-gruppi/forzi armati, anke fejn m'hemm l-ebda dikjarazzjoni formali ta' paċi;

19. Jinnota li xi NGOs qed jiżviluppaw miżuri preventivi minn kmieni kontra gwerriera, inklużi persuni mhux ċittadini tal-post, ħalli jipperswaduhom biex ma jagħmlux użu minn tfal bħala suldati; jinnota li azzjonijiet bħal dawn qed ikollhom xi ftit tas-suċċess u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tappoġġjahom;

20. Iqis li l-miżuri huma bżonjużi biex jiġi żgurat li t-tfal li tneħħitilhom il-libertà tagħhom jiġu trattati skond il-liġijiet internazzjonali umanitarji u mal-liġijiet tad-drittijiet tal-bniedem, billi jitqies l-istatus speċjali tagħhom bħala tfal, u biex tiġi pprojbita d-detenzjoni tat-tfal ma' l-adulti minbarra dik tal-ġenituri mat-tfal żgħar; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-bżonn li jkunu mħeġġa programmi ta' taħriġ biex jiżdied l-għarfien ta' l-aġenti u l-istaff ta' l-entitajiet ġudizzjarji u tal-pulizija fil-pajjiżi li fihom ikun osservat li jintużaw bniet u subien bħala suldati-tfal;

21. Jisħaq dwar il-ħtieġa li t-tfal jiġu trattati bi qbil mar-regoli tal-ġustizzja taż-żgħażagħ kif ukoll il-ħtieġa li jinstabu alternattivi għall-proċeduri ġudizzjarji; jitlob għal prosekuturi speċjalisti għaż-żgħażagħ u avukati attivi fil-qasam tal-liġi soċjali biex jassistu tfal fil-qorti; jitlob għall-ħolqien ta' kummissjonijiet tal-verità u tar-rikonċiljazzjoni;

22. Jitlob għall-integrazzjoni mill-ġdid u r-rijabilitazzjoni soċjali, fiżika u psikoloġika ta' tfal li kienu suldati u tfal oħra affettwati mill-konflitti armati, l-għaqda tagħhom mill-ġdid mal-familji tagħhom, kura alternattiva għal dawk li għalihom l-għaqda mill-ġdid mhijiex possibbli, korsijiet biex jerġgħu jlaħħqu mal-livell edukattiv u t-tixrid ta' informazzjoni dwar l-HIV/AIDS; jenfasizza l-ħtieġa li jkunu indirizzati nuqqasijiet speċifiċi fl-integrazzjoni mill-ġdid ta' suldati bniet, li ħafna drabi jiġu soċjalment imwarrba u marġinalizzati, billi jkunu allokati riżorsi speċjali biex jitwaqqfu programmi għall-edukazzjoni, is-saħħa sesswali, l-appoġġ psikoloġiku u l-medjazzjoni fil-familja;

23. Jinsab imħasseb dwar id-diffikultajiet li jkollhom programmi għall-integrazzjoni soċjali ta' tfal suldati u jistieden għal miżuri preventivi u minn kmieni;

*24.* Jisħaq dwar il-bżonn li l-Istati Membri jieħdu azzjoni diplomatika konġunta kull fejn ikun hemm rapporti ta' tfal reklutati ma' unitajiet militari jew gruppi armati;

***Immigranti, refuġjati u tfal spustati internament***

25. Jenfasizza l-importanza li jerġgħu jitwaqqfu servizzi soċjali bażiċi biex jagħtu attenzjoni effettiva lil minorenni spustati, li jinkludu mhux biss l-aċċess għall-ilma u l-ikel imma wkoll għall-kura medika lill-minorenni u lill-ommijiet, kif ukoll il-provvediment ta' servizzi bażiċi tas-saħħa sesswali u riproduttiva;

26. Jiġbed l-attenzjoni għall-irwol ta' l-edukazzjoni, li għandha tkun indaqs għal kulħadd u mingħajr l-użu tal-vjolenza jew kastigi bi swat; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex talloka r-riżorsi meħtieġa biex tiġi evitata vjolenza ta' kwalunkwe tip fil-komunitajiet refuġjati, b'mod partikulari vjolenza bbażata fuq is-sessi jew fuq l-isfruttament sesswali, billi twaqqaf programmi edukattivi u li jżidu l-għarfien dwar kwistjonijiet dwar is-sessi, id-drittijiet tal-bniedem, is-saħħa sesswali u riproduttiva, il-mutilazzjoni tal-ġenitali femminili u l-HIV/Aids, immirati lejn minorenni taż-żewġ sessi;

27. Jenfasizza li teżisti diskrepanza bejn dak li titlob il-liġi u dak li huwa prattikat fir-realtà fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' strumenti Ewropej għal ażil, u li għad hemm differenzi kbar fil-mod kif tfal bi status ta' rifuġjati huma trattati fl-Istati Membri differenti;

28. Jimmarka l-fatt li 5% ta' dawk li jfittxu l-kenn politiku huma minorennii mhux akkumpanjati, li jindika l-bżonn li jinħatru gwardjani legali u mħarrġa sew għal tfal mhux akkumpanjati wara l-wasla tagħhom fil-pajjiż li jilqagħhom biex jirrappreżentaw l-aħjar interessi tagħhom; jitlob għal titjib fil-kundizzjonijiet ta' għajxien tat-tfal fil-faċilitajiet ta' riċeviment; huwa diżappuntat min-nuqqas ta' proċeduri ta' kenn politiku, sensittivi għall-problema tat-tfal;

29. Jinnota li ħafna mir-riskji li jaffaċċjaw it-tfal refuġjati huma ugwalment applikabbli għal tfal li ġew spustati bil-forza bejn il-fruntieri ta' pajjiżi tagħhom stess;

30. Jinsisti li t-tfal għandhom jiġu rritornati ġewwa l-pajjiż ta' oriġini tagħhom biss meta s-sikurezza u s-sigurtà tagħhom ikunu fiċ-ċert, u jenfasizza l-ħtieġa li jinstabu l-familji u li jkun hemm l-għaqda mill-ġdid mal-familji; jenfasizza li r-ritorn tagħhom għandu jkun ipprojbit fejn ikun hemm periklu ta' dannu serju, permezz, pereżempju, ta' tħaddim ta' tfal, sfruttament sesswali, vjolenza jew ir-riskju ta' mutilazzjoni tal-ġenitali femminili, esklużjoni soċjali jew involviment f'konflitt armat;

31. Jisħaq dwar il-bżonn li jitjieb il-ġbir tad-dejta dwar tfal li jkunu qed ifittxu status ta' refuġjati, tfal li jkunu qed jgħixu illegalment fit-territorju ta' stat ieħor imma li ma jkunux qed ifittxu status ta' refuġjati, u r-riżultat tal-proċeduri għall-kenn politiku u l-futur ta' tfal bħal dawn wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni finali pożittiva jew negattiva dwar it-talba tagħhom għall-kenn politiku, biex ikun żgurat li dawn it-tfal ma jisparixxux fl-anonimità jew isiru vittmi tal-kriminalità;

32. Jenfasizza l-konsegwenzi negattivi ta' l-immigrazzjoni u s-sitwazzjoni prekarja ta' tfal mitluqa waħedhom fil-pajjiżi tagħhom minn ġenituri li emigraw; jenfasizza l-bżonn li jkunu żgurati kura komprensiva, integrazzjoni u edukazzjoni għal tfal bħal dawn, kif ukoll għall-familji li ġew integrati mill-ġdid fejn dan ikun possibbli;

33. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri urġenti kontra gruppi kriminali organizzati li jaħtfu persuni u kontra dawk responsabbli għat-traffikar ta' tfal;

34. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrikonoxxu l-eluf ta' tfal fit-toroq u tfal sfurzati biex jittalbu bħala kwistjoni soċjali u ta' drittijiet tal-bniedem serja, u jitlob għal miżuri biex jindirizzaw din il-kwistjoni; jistieden ukoll lill-Istati Membri biex jintroduċu sanzjonijiet kontra dawk responsabbli mid-degradazzjoni tat-tfal sfurzati biex jittalbu;

***Tfal f'emerġenza u sitwazzjonijiet ta' wara kriżi u tfal li huma vittmi ta' xogħol sfurzat***

35. Jistieden għal għajnuna umanitarja tal-KE biex tqis il-bżonnijiet u d-drittijiet speċifiċi tat-tfal u l-familji tagħhom, kif ukoll id-drittijiet tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, ta' kriżi u ta' wara kriżi, speċjalment il-ħtiġijiet ta' minorenni li għandhom l-akbar riskju f'sitwazzjoni bħal din, bħalma huma tfal b'diżabilità, il-vittmi ta' vjolenza bbażata fuq il-ġens, orfni u minorenni mhux akkumpanjati;

36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippromwovi mekkaniżmi għal azzjoni preventiva u ta' informazzjoni dwar x'jista' jsir f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza f'zoni ta' riskju, b'attenzjoni partikulari għat-taħriġ tal-minorenni u ta' l-awtoritajiet responsabbli għall-kura tagħhom;

37. Jenfasizza l-bżonn ta' miżuri ta' emerġenza li jkollhom kontinwità u li jistabbilixxu bażi għall-irkupru u l-iżvilupp ta' zoni effettwati, b'attenzjoni speċjali għall-kura tal-minorenni u tan-nisa;

38. Jenfasizza li n-nuqqas ta' soluzzjoni finali għall-konflitti sospiżi joħloq sitwazzjoni li fiha ma jkunx rispettat l-istat tad-dritt u jsir ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiz-zoni kkonċernati, u dan jirrappreżenta ostakolu maġġuri biex ikunu żgurati u rispettati d-drittijiet kollha tat-tfal; jistieden biex jittieħdu passi ħalli jiġu indirizzati l-bżonnijiet speċifiċi tat-tfal u tal-familji tagħhom f'zoni fejn hemm konflitt sospiż;

.

39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex itejjeb l-integrazzjoni ta' miżuri ta' l-edukazzjoni bħala parti mill-politika umanitarja tagħha u bħala parti mill-proċeduri ta' reazzjoni, kif ukoll fil-politika tagħha ta' koperazzjoni għall-iżvilupp;

40. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jinkludu sforzi biex jissieltu kontra t-tħaddim tat-tfal fl-isforzi tagħhom ta' politika umanitarja u tal-kummerċ;

41. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fl-azzjonijiet tagħha ta' għajnuna umanitarja f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, tqis l-irwol xieraq tan-nisa u l-abilità tagħhom biex jorganizzaw u jiżviluppaw ir-rikostruzzjoni u ħidmiet ta' għajnuna soċjali għal dawk milquta, b'enfasi partikulari fuq il-popolazzjoni tat-tfal;

***It-Tfal u d-demokrazija***

42. Jenfasizza d-dritt tat-tfal li jikbru f'soċjetà ħielsa u miftuħa fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertà ta' l-espressjoni huma rispettati u fejn il-piena kapitali m'għadhiex iżjed imposta, b'mod partikulari fuq individwi taħt l-età;

43. Jenfasizza li l-pożizzjoni tat-tfal fi stati mhux demokratiċi hi ferm vulnerabbli u jistieden lill-

Kummissjoni biex tqis din il-kategorija ta' persuni;

44. Jistieden lill-Kummisjoni biex teżamina l-kwistjoni ta' żieda fl-għarfien politiku dwar tfal u żgħażagħ f'pajjiżi terzi fejn id-demokrazija hi ristretta, biex dawn iż-żgħażagħ jistgħu jiżviluppaw f'ċittadini politikament sensibilizzati;

45. Jistieden lill-Kummissjoni biex tisħaq dwar l-importanza li ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jesprimu l-opinjonijiet tagħhom fuq bażi volontarja permezz ta' organizzazzjonijiet (politiċi) taż-żgħażagħ;

***It-tfal u l-kriminalità***

46. Jenfasizza l-ħtieġa li l-istati jħarsu lit-tfal milli jkunu użati f'atti kriminali u li jieħdu miżuri ġudizzjarji effettivi kontra persuni li jużaw jew jieħdu vantaġġ mit-tfal għal skopijiet kriminali;

47. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-istati kollha bl-għajnuna meħtieġa biex jiżguraw li l-ġlieda kontra kull tip ta' pedofilja titwettaq b'mod urġenti u effettiv;

48. Jistieden lill-istati biex jagħmlu kull sforz ħalli jtejbu l-effettività ta' mekkaniżmi li bihom jittrattaw b'mod effettiv ma' vjolenza u abbużi relatati mad-dar u ma' l-iskola.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Lejn strateġija ta' l-UE dwar id-drittijiet tat-tfal |
| **Numru ta' Proċedura** | 2007/2093(INI) |
| **Kumitat responsabbli** | LIBE |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>26.4.2007 |
| **Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Irena Belohorská<br>17.10.2006 |
| **Rapporteur ta' opinjoni preċedenti** | |
| **Eżami fil-kumitat** | 28.2.2007 27.6.2007 **16.7.2007** |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 17.7.2007 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 43<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Roberta Alma Anastase, Christopher Beazley, Elmar Brok, Colm Burke, Michael Gahler, Jas Gawronski, Vytautas Landsbergis, Francisco José Millán Mon, Ria Oomen-Ruijten, João de Deus Pinheiro, Hubert Pirker, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Antonio Tajani, Geoffrey Van Orden, Josef Zieleniec, Véronique De Keyser, Ana Maria Gomes, Emilio Menéndez del Valle, Pasqualina Napoletano, Ioan Mircea Paşcu, Libor Rouček, Cristian Silviu Buşoi, Marco Cappato, Metin Kazak, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Baroness Nicholson of Winterbourne, Samuli Pohjamo, István Szent-Iványi, Hanna Foltyn-Kubicka, Angelika Beer, Hélène Flautre, Tobias Pflüger, Maciej Marian Giertych, |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Árpád Duka-Zólyomi, Jean Spautz, Evgeni Kirilov, Miloš Koterec, Aloyzas Sakalas, Mariela Velichkova Baeva, Milan Horáček, Marie Anne Isler Béguin, Miguel Portas, |
| **Sostituti(i) (skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali** | |
| **Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)** | ... |